**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti tibbaża l-appell tagħha fuq żewġ aggravji.

L-ewwel, id-deċiżjoni kkontestata titlaq mill-premessa żbaljata li l-indipendenza tal-avukat li jirrappreżenta parti, li għandha tiġi eżaminata fil-kuntest tal-Artikolu 19(3) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tkun manifestament ippreġudikata jekk il-persuna rrappreżentata tkun persuna ġuridika li l-amministratur tagħha jkun il-proprjetarju ta' uffiċċju tal-avukati li jimpjega lill-avukat li jirrappreżentaha.

Id-deċiżjoni kkontestata titlaq mill-premessa żbaljata li l-indipendenza tal-avukat li jirrappreżenta parti, li għandha tiġi eżaminata fil-kuntest tal-Artikolu 19(3) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tkun ukoll manifestament ippreġudikata jekk, minkejja li l-klijent ikun persuna ġuridika li l-amministratur tagħha jkun il-proprjetarju ta' uffiċċju tal-avukati li jimpjega lill-avukat li jirrappreżentaha, is-suġġett tal-kawża jirrigwarda madankollu dritt popolari li għandu kulħadd u li t-twettiq tiegħu huwa fl-interess ġenerali.

Id-deċiżjoni kkontestata ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li l-eżerċizzju ta' dritt popolari jikkostitwixxi fattur li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, waħdu jew flimkien ma' fatturi oħra, huwa ta' natura li jikklassifika s-sitwazzjonijiet u jippermetti li tingħata deċiżjoni dwar jekk l-indipendenza tar-rappreżentant ġietx ippreġudikata.

It-tieni, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 47(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li parti tiġi informata bil-fatt li, skont il-Qorti Ġenerali jew il-Qorti tal-Ġustizzja, ma hijiex debitament irrappreżentata minn avukat fis-sens tal-Artikolu 51(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali flimkien mal-Artikolu 19(3) u (4) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, qabel ma tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors fl-ewwel istanza jew l-appell, sabiex din tingħata l-possibbiltà li tiġi debitament irrappreżentata.

**Ammissibbiltà tal-appell**

Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) tat-30 ta' Jannar 2023, l-appell ġie ammess fl-intier tiegħu.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fit-8 ta' Novembru 2022 – C SPRL vs AJFP Cluj, DGRFP Cluj-Napoca**

**(Kawża C-696/22)**

(2023/C 94/12)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* C SPRL

*Konvenuti:* AJFP Cluj, DGRFP Cluj-Napoca

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 63, 64 u 66 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1] jipprekludu prassi amministrattiva tal-awtorità fiskali, bħal dik f'din it-tilwima, li stabbilixxiet l-obbligu ta' ħlas supplimentari mill-persuna taxxabbli, kumpannija professjonali b'responsabbiltà limitata (KPRL) li permezz tagħha l-prattikanti tal-insolvenza jistgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, li jiddeterminaw il-fatt taxxabbli u l-eżiġibbiltà fil-mument li fih ġew ipprovduti s-servizzi fil-kuntest tal-proċeduri ta' insolvenza, fil-każ fejn l-onorarji tal-prattikant tal-insolvenza kienu ġew iffissati mill-ġudikant fl-insolvenza jew mill-assemblea tal-kredituri, bil-konsegwenza li l-persuna taxxabbli hija meħtieġa toħroġ fatturi mhux iktar tard mill-ħmistax-il jum tax-xahar ta' wara dak li matulu tnissel il-fatt taxxabbli tal-VAT?

2) L-Artikoli 63, 64 u 66 tad-Direttiva 2006/112 jipprekludu prassi amministrattiva tal-awtorità fiskali, bħal dik f'din it-tilwima, li tikkonsisti f'li jiġu stabbiliti obbligi ta' ħlas supplimentari mill-persuna taxxabbli, kumpannija professjonali b'responsabbiltà limitata (KPRL) li permezz tagħha l-prattikanti tal-insolvenza jistgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, minħabba li ħarġet fatturi u ġabret il-VAT biss fid-data li fih tħallset tas-servizzi pprovduti fi proċeduri ta' insolvenza, għalkemm l-assemblea ġenerali tal-kredituri kienet stabbilixxiet li l-ħlas tal-onorarji tal-prattikant tal-insolvenza kien suġġett għall-eżistenza ta' likwidità fil-kontijiet tad-debituri?

3) Fil-każ ta' ftehim ta' kooperazzjoni (co-branding) bejn uffiċċju tal-avukati u l-persuna taxxabbli, għall-finijiet tal-għoti tad-dritt għal tnaqqis huwa biżżejjed li l-persuna taxxabbli, sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta diretta u immedjata bejn ix-xiri magħmul mill-persuna taxxabbli fi stadju preċedenti u t-tranżazzjonijiet fi stadju sussegwenti, tipprova, wara l-ftehim, iż-żieda fid-dħul mill-bejgħ/fil-valur tat-tranżazzjonijiet taxxabbli, mingħajr dokumenti oħra ta' sostenn? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, liema huma l-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata b'mod konkret il-portata tad-dritt għal tnaqqis?

4) Il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirrispetta d-drittijiet tad-difiża għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk, fi ħdan proċeduri amministrattivi nazzjonali għar-riżoluzzjoni ta' lment kontra avviż ta' stima li stabbilixxa l-ħlas ta' VAT supplimentari, jirriżultaw argumenti ġodda ta' dritt u ta' fatt fir-rigward ta' dawk fir-rapport ta' kontroll fiskali li kien il-bażi għall-ħruġ tal-avviż ta' stima u l-persuna taxxabbli bbenefikat minn miżuri ġurisdizzjonali ta' protezzjoni provviżorja, sad-deċiżjoni tal-qorti fuq il-mertu, billi ssospendiet it-titolu tad-dejn, il-qorti adita fuq il-mertu tal-kawża tista' ssib li dan il-prinċipju ma kienx miksur mingħajr ma tivverifika jekk il-proċedura setax kellha riżultat differenti fl-assenza ta' din l-irregolarità?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fil-15 ta' Novembru 2022 – SC AA SRL vs MFE**

**(Kawża C-701/22)**

(2023/C 94/13)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* SC AA SRL

*Konvenut:* MFE

**Domandi preliminari**

1) Il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba għandu jiġi interpretat fis-sens li, flimkien mal-prinċipju ta' ekwivalenza, jipprekludi li persuna ġuridika li topera negozju bi skop ta' lukru u li hija benefiċjarja ta' finanzjament mhux rimborsabbli mill-FEŻR, tista' tikseb mill-awtorità pubblika ta' Stat Membru interessi moratorji (interessi ta' penali) relatati mal-ħlas tardiv tal-ispejjeż eliġibbli għal perijodu meta kien fis-seħħ att amministrattiv li jeskludi r-rimbors u li iktar tard ġie annullat b'deċiżjoni tal-qorti?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fin-negattiv, huwa rilevanti, għal dak li jirrigwarda l-ammont tal-interessi moratorji, in-nuqqas min-naħa tal-benefiċjarju tal-finanzjament ikkonstatat minn tali deċiżjoni, peress li l-istess awtorità pubblika b'setgħat fil-ġestjoni tal-fondi Ewropej iddikjarat, fl-aħħar mill-aħħar, insegwitu għall-għoti tal-imsemmija deċiżjoni, li l-ispejjeż kollha kienu eliġibbli?